Minuti tal-Laqgħa Nru. 34 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 27 ta' Jannar 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Skużati | Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Performance Bonus tal-Impjegati tal-Kunsill
5. L-Uffiċċju Amministrattiv il-Ġdid
6. Jum Ħal Luqa/Ġieħ Ħal Luqa
7. Inawgurazzjoni tar-restawr tal-pittura ta Mattia Preti
8. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku semma li peress li l-aħħar darba ma kienx hemm quorum allura għalhekk il-minuti għandhom jitqiesu moqrija. Huwa avża lill-Kunsilliera li għalhekk il-laqgħa ġiet aġġornata.

1.2 Il-Kunsillier Caruana qal li kellu jkun hemm irranġat punt 3.5 peress li l-Każini fil-verita ma ġewx kif kien hemm imniżżel fil-minuti.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kienx tħallas Vince Galea. Is-Segretarju qal li l-pagament tiegħu baqa miżmum sakemm dan jiġi iċċertifikat mill-Perit. Huwa qal li dan għadu ma ġiex iċċertifikat.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa il-għala reġa beda jintuża l-mutur tal-Kunsill għall ħart. Is-Sindku irrisponda li mhux il-mutur tal-Kunsill kien intuża għax xogħol tal-Kunsill imma kellu mutur li tah l-ELC stess. Is-Segretarju ukoll ikkonferma li huwa kellu mutur li huwa aparti dak tal-Kunsill li kien qed jagħmel.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li quddiem in-Naxos bħalissa jinsab bla dawl u anki quddiem Psaila. Is-Sindku qal li huwa kien diġa irraporta din il-problema u kien qed jagħmel pressjoni mat-Transport Malta.

3.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk hemmx rendikont tal-Family Park dwar kemm intefqu flus. Is-Sindku qal li dan se jinħareġ rendikont kollu meta jitlesta x-xogħol u jkun iċċertifikat mill-Perit taż-żewġt ibnadi.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li xi ħadd kien rema x' injam fejn hemm iċ-Ċimiterju ta San Tumas. Is-Segretarju qal li huwa se jibgħat lil xi ħadd biex jiġbor dan l-injam.

3.5 Is-Sindku qara email li kienet tirrigwarda courses tal-computer li kienu se jerġgħu jiġu organiżżati mill-Kunsill Lokali. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jekk jafu xi nies interessati jħeġġuhom biex jibbukkjaw il-Kunsill Lokali.

3.6 Is-Sindku qara email li l-Kunsill Lokali tas-Swieqi se jkun qed jorganiżża konferenza dwar l-abbuż tad-droga.

3.7 Is-Sindku semma li kienet se tiġi organiżżata konferenza dwar womens leadership. Huwa stieden lill-dawk il-Kunsilliera nisa sabiex jattendu għal din i-konferenza.

3.8 Is-Sindku semma li kienet se ssir konferenza fuq żvillup sostenibli ġewwa Għawdex. Huwa qal li jekk hemm xi kunsilliera interessati javżaw lis-Segretarju biex ikun hemm booking.

3.9 Is-Sindku semma li kien se jiġi organiżżat kors relatatt mal-użu tal-bexx biex jekk nafu xi persuni li dan jista jkun t' użu għalihom ninfurmawhom sabiex jiġi organiżżat kors għalihom.

3.10 Is-Sindku feraħ lill-Kunsillier Falzon billi dan kellu tarbija. Il-Kunsilliera l-oħra estendew l-awgurji tagħhom.

3.11 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn hemm l-OK Bar xorta baqgħu jitilgħu l-karozzi fuq il-bankina. Huwa saqsa jekk tistax issir xi ħaġa fuq dan ir-rigward. Is-Sindku irrisponda li ngħata hxuna ta konkos biex jilqa għal dawn il-ħsarat li jistgħu jinqalgħu.

## 4.0 PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

4.1 Is-Segretarju qal li fuq il-ħaddiema tal-Kunsill kemm Angie Refalo kif ukoll Ingrid Borg dawn dejjem taw l-output mistenni minhom u huwa ma kellux problemi magħhom fuq dan ir-rigward. Huwa għalhekk saqsa lill-Kunsilliera jekk dawn jaqblux li jingħata il-full kif intitolat lilhom skont il-liġi. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

4.2 Is-Segretarju ġie mitlub biex joħroġ mill-kamra peress li kellu jiġi diskuss il-performance tiegħu għall Kunsill Lokali. Wara li ġie diskuss dan l-item ġie imsejjaħ lura fejn kien infurmat mis-Sindku li l-Kunsilliera preżenti waqt il-laqgħa kollha qablu li dan jingħata il-full performance ħlief għall Kunsilliera Sammut billi din asstjeniet.

## 5.0 L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV IL-ĠDID

5.1 Is-Sindku qal li d-Daycentre huwa ippjanat li jkun inawgurat għall Marzu. Huwa qal li x-xogħol li qed isir bhalissa hemm ħaġa li torbot mal-oħra.

5.2 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Caruana sabiex jieħu ħsieb li jġib stima tal-aperturi ta' barra biex jiġu illustrati kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa. Huwa qal li għal dan il-għan ikun hemm bżonn li jinqalgħu mill-post u jittieħdu biex jinħadmu.

5.3 Is-Sindku qal li l-aperturi li għadhom ma sarux fil-faċċata se jkunu qed isiru tal-aluminju billi dan il-metall iktar jiflaħ għal elementi peress li l-faċċata hija esposta ħafna. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-fatt.

## 6.0 JUM ĦAL LUQA/ĠIEĦ ĦAL LUQA

6.1 Is-Sindku qal li fuq Jum Ħal Luqa se jerġa jkun qed jinżamm fl-istess perjodu li sar fis snin ta' qabel.

6.2 Is-Sindku ippropona biex Ġieħ Ħal Luqa jingħata liż-żewġ soċjetajiet tal-Banda billi fis-sena 2014 għamlu isem lir-raħa ta' Ħal Luqa bis-suċċessi li kisbu fl-oqsma tal-piroteknika u fil-qasam kulturali. Din il-proposta ts-Sindku ġiet issekkondata mill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera qablu b' vot unanimu fuqha.

6.3 Minn naħa tiegħu il-Kunsillier Caruana semma li s-sena l-oħra l-Kunsill kien qabel biex l-ex Kunsillier Johnny Micallef għandu ukoll jingħata wkoll dan il-Ġieħ. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Kunsill m' għandux ikun hemm diffikulta aktar u aktar meta dan kien wieħed mill-kollegi tagħna u ta' servizz lir-residenti ta' Ħal Luqa.

6.4 Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan.

**7.0 INAWGURAZZJONI TAL-PITTURA TA' MATTIA PRETI**

7.1 Is-Sindku semma li kien kellmu l-Kappillan fuq ir-restawr tal-pittura ta Mattia Preti billi dan ir-restawr ġie jiswa ħafna flus. Huwa saqsieh jekk il-Kunsill jistax jagħti xi forma y' għajnuna għal dan il-proġett.

7.2 Is-Sindku kien infurmah li se jiddiskuti mal-Kunsilliera fejn dawn qablu li l-Kunsill jista jagħti xi forma t' għajnuna.

**8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

8.1 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet x' inhuwa AED. Is-Sindku qal li dan inxtara mill-Kunsill Lokali u jservi biex f' każ li persuna tagħtiha attakk tal-qalb. Dan għalkemm tħallas mill-Kunsill Lokali se jkun iffinanzjatt mir-Reġjun.

8.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-kontijiet ta Mario Mallia. Is-Segretarju għaddilu l-kontijiet fejn kien hemm deskritt fejn saru dawn ix-xogħolijiet.

8.3 Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma dawn il-kontijiet.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 27 ta' Jannar 2015 fis-6.20 pm. Kien hemm id-data tas-17 ta' Frar magħżula għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Konfermati llum _______________________ 2015.

| | |
|---|---|
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |